# *Graffit ta' Mirkeb tal-Baħar mal-Knisja Parrokkjali ta' Sannat*

*Joseph Muscat*

F'diversi postijiet bħalma huma ċelel ta' ħabsijiet, fortifikazzjonijiet, bini pubbliku u/jew privat, kif ukoll knejjes u kappelli mxerrdin ma' Malta u Għawdex, wieħed ġieli jsib graffiti mnaqqxin fil-ħitan. Fil-kuntest ta' knejjes u kappelli, dawn il-graffiti huma meqjusin bħala offerti votivi (ex-voti), u partikolarment fil-każ ta' graffiti ta' mriekeb tal-baħar dawn aktarx kienu jsiru minn baħrin, sajjieda, jew nies li l-għixien tagħhom kien jiddependi mill-baħar bħala ringrazzjament għall-ħelsien minn xi għarqa jew bħala talba qabel xi vjaġġ.

Dan l-aħħar ġejt mgħarraf bi graffit ta' mirkeb tal-baħar li jinsab fuq il-bejt, ħdejn il-koppla, tal-knisja parrokkjali ta' Sannat. Il-graffit hu mnaqqax fuq in-naħa ta' barra ta' ħajt singlu li jħares lejn it-Tramuntana u li jifforma parti mill-kamra tal-garigor li tinsab sewwasew ħdejn il-koppla. Din il-kamra, li tinsab fl-istess post fejn kien il-kampnar l-antik, aktarx li nbniet fl-1883 jew fis-sena ta' wara meta allura seta' jitwaqqa' l-imsemmi kampnar wara t-tlestija tal-kampnari l-ġodda fl-1883. Il-graffit hu twil 52 ċentimetri, fih 21 ċentimetri għoli u hu mnaqqax fuq kantun tar-raba' filata minn isfel u jinsab bejn wieħed u ieħor f'nofs il-ħajt. Hi ħaġa kurjuża li l-kantun, u tnejn oħra miegħu, li fuqu jinsab il-graffit hu xi ftit safrani meta mqabbel mal-bqija tal-ġebel tal-ħajt.



Il-mirkeb hu wieħed ta' qlugħ latin u billi sa l-1883, meta aktarx nbniet il-kamra in kwistjoni, bastimenti bħal dawk kienu diġa' nqatgħu mill-Mediterran kważi għal kollox, jista' jkun li l-kantun bil-graffit fuqu huwa wieħed ri-utilizzat hemmhekk wara li ttieħed minn xi bini li kien twaqqa'; possibilment, mill-knisja l-antika nfisha li kienet inbniet fl-1718 u forsi wkoll mill-kampnar l-antik stess. Hawn ta' min jgħid li, bħala eżempju, wieħed isib graffiti ta' mriekeb tal-baħar imnaqqxin mal-ħitan tal-kampnar tal-knisja parrokkjali l-qadima ta' Birkirkara. Li ssib graffit wieħed waħdu ma' bini pubbliku jew privat itik x'taħseb li dak ma' tnaqqax fil-post billi ġeneralment f'kull post f'Malta u Għawdex fejn issib graffiti, dawn ikunu jinsabu f'konċentrazzjonijiet ta' graffiti mnaqqxin flimkien. Eżempji ta' graffiti isolati bħal dan tal-knisja ta' Sannat hemm wieħed f'dar privata fil-Belt ma' ħajt ta' garigor u hemm eżempju ieħor ta' graffit li jinsab ma' pilastru tal-faċċata ta' dar privata fiż-Żejtun.

In-nomenklatura tar-rappreżentazzjoni ta' mirkeb li tidher fil-graffit mhix magħrufa għalkemm wieħed jista' jara sewwa l-għamla ta' qlugħ latin jew trijangulari armati wieħed fuq l-arblu ta' wara jew tal-meżżana u ieħor fuq dak tan-nofs hekk magħruf bħala tal-majjistra. Ma' l-arblu tat-trinkett jew dak ta' quddiem ma' jidher ebda qlugħ iżda hemm żewġ ħbula wieħed kull naħa li jindikaw il-preżenza tas-sarsi. Mal-ponta tal-pruwa hemm ħabel, forsi l-istrall, li jidher tiela' għal ma' ras l-arblu tal-majjistra iżda li ma' jidhirx fil-graffit għax dik il-biċċa ta' l-arblu hi mitlufa fil-fil tal-kantun: indikazzjoni oħra li l-kantun bil-graffit fuqu aktarx hu ri-utilizzat. Iż-żewġt iqlugħ li jidhru nofshom mifruxin għar-riħ juru l-linji tal-veres li bihom, meħjutin flimkien, jitfassal kull qlugħ.

Il-buk jew il-qafas tal-mirkeb hu wieħed baxx ma' l-ilma bil-pruwa tiela' 'l fuq ħafna għat-tond u bil-poppa tixbah xi ftit lil waħda ta' galera. Ma' jidher l-ebda ħjiel ta' mqadef, għalkemm qrib it-trinkett hemm bħal speċi ta' tnejn jew tlieta ħerġin 'il barra mill-buk.

Fil-poppa hemm arblu bil-bandiera fuqu, mhux identifikata, li turi linja djagonali mill-ponta mal-lasta ta' fuq għal isfel. Bejn l-arbli tat-trinkett u tal-majjistra tidher bandiera oħra mhux identifikata u li qegħda hemm, b'żewġ linji ta' sinjali vertikali, bla ebda tifsira jew raġuni. Jista' jkun li saret minn id oħra differenti minn dik li naqqxet il-mirkeb.

Wieħed jinnota b'interess, is-serje ta' toqob żgħar tondi li jidhru f'linja mal-profil tal-buk u sensiela oħra f'linja dritta n-naħa t'isfel tal-mirkeb. Issa wieħed jista' jinnota li din l-aħħar sensiela ta' toqob issegwi ċerta ordni hekk li mix-xellug għall-lemin hemm erbgħa, tlieta, tnejn, waħda, waħda u waħda. Bla ma' wieħed

joqgħod ifettaq iżżejjed fuq dak li tista' tfisser dik is-serje ta' toqob, jidher ċar li l-użu tagħhom kien għamla ta' dekorażżjoni li ssibha ma' graffiti oħra mxerrdin fil-gżejjer Maltin u huma wkoll element dekorattiv importanti li wieħed isib fit-tempji pre-istoriċi ta' pajjiżna. Mill-banda l-oħra jista' jkun li t-toqob t'isfel imħaffrin f'linja dritta setgħu kienu hemm biex jindikaw ċertu żmien, ngħidu aħna ta' snin, xhur, ġimgħat jew ġranet. Hekk kien isir ukoll fiċ-ċelel tal-ħabsijiet u nħawi oħra, billi kienu jindikaw iż-żmien b'sistema ta' linja orizzontali u oħrajn żgħar vertikali neżlin minnha hekk li qisek qed tara moxt. Hawn ta' min jgħid li toqob żgħar bħal dawn setgħu faċilment isiru billi wieħed jgħawwar b'xi ponta ta' materjal iebes bħalma huwa l-ħadid.

Waqt li l-graffiti, b'mod speċjali dawk marittimi, huma ta' nteress speċjali għax issibhom bil-mijiet imxerrdin ma' Malta u Għawdex fuq ħitan ta' knejjes, katakombi, ċelel ta' ħabsijiet, fortizzi u bini privat u/jew pubbliku, dawn huma wkoll parti mill-wirt kulturali tagħna li wara kollox hu wkoll parti minn dak tal-Mediterran.

Il-graffit tal-mirkeb ta' Sannat mhux identifikat; wara kollox il-biċċa l-kbira tal-graffiti ta' mriekeb m'humiex identifikabbli. Graffit mhux opra ta' l-arti iżda xhieda ta' min ried iħalli warajh tifkiriethu billi huwa nnifsu jnaqqax is-simbolu tiegħu stess fil-ġebla. Huwa maħsub ukoll illi bosta baħrin kienu jippreferu li jagħmlu graffit fil-ġebla bħala "ex voto" għaliex dan kien iservi għal tul taż-żmien iktar minn – ngħidu aħna – kwadru votiv impitter.

Il-graffit tal-knisja ta' Sannat juri xebħ ma' diversi oħrajn li hawn fil-gżejjer Maltin, b'mod speċjali fl-għamla tal-pruwa tiela' 'l fuq ħafna għat-tond u fl-użu tat-toqob żgħar. Fuq barra mal-ħajt tat-Tramuntana u ma' dak tal-Punent (jew tal-faċċata) tal-kappella ta' San Pawl Nawfraġu ta' Wied il-Qliegħa fil-limiti tal-Mosta u li kienet inbniet madwar l-1690 minflok oħra żgħira u eqdem minnha, nsibu numru ta' ġraffiti, fil-biċċa l-kbira mriekeb tal-baħar, li huma datati għall-perjodu bejn l-aħħar snin tas-seklu 17 meta nbniet il-kappella u l-ewwel nofs tas-seklu 19 meta l-użanża ta' graffiti bħala offerti votivi spiċċat. Fost dawn il-graffiti hemm xi whud li aktarx jirrappreżentaw galeri (*galere*) u li f'diversi elementi tagħhom juru xebh sinifikanti ma' dak tal-knisja parrokkjali ta' Sannat.

Fil-każ tal-mirkeb tal-knisja ta' Sannat, il-preżenza tal-qlugħ latini, il-buk (jew il-qafas tal-mirkeb) baxx mal-ilma, flimkien mal-possibilta' ta' mqadef juru li hawn għandna mirkeb veloċi, possibilment galera – anke għal raġunijiet diġa' msemmija – u, jekk dan hu il-każ, allura jeħodna fi żmien il-Kavallieri ta' San Gwann.